(10) Jekk id-dispożizzjoni M.B. 902(b)(4), tal-Kapitolu I, tas-Sezzjoni B, tal-Anness I tar-regolament għandha t-tieni tifsira esposta iktar 'il fuq, jista' jiġi kkunsidrat li tissodisfa r-rekwiżiti f'dan is-sens tar-regolament, leġiżlazzjoni tad-dritt nazzjonali li tipprovdi li ċ-ċertifikazzjoni tal-ispettur issir wara t-taħriġ teoretiku u prattiku tiegħu, li huwa l-mument minn meta huwa jkun jista' jibda jwettaq ispezzjonijiet sabiex jikkonstata l-adegwatezza għall-avjazzjoni tal-ajruplani, billi jiffirma waħdu dokumenti tal-ispezzjoni u billi jorbot lill-awtorità kompetenti?

(11) Barra minn hekk, jekk id-dispożizzjoni M.B. 902(b)(4), tal-Kapitolu I, tas-Sezzjoni B, tal-Anness I tar-Regolament Nru 2042/2003 għandha t-tieni tifsira esposta iktar 'il fuq, għandu jiġi kkunsidrat li hija konformi ma' din tal-aħħar, dispożizzjoni nazzjonali, bħal dik eżaminata f'dan il-każ, li tipprovdi li sabiex tintgħażel inizjalment persuna bħala spettur tal-adegwatezza għall-avjazzjoni, huwa preferibbli li huwa jkun ġie promoss minn qabel "fi gradi ġerarkikament iktar għoljin u li huwa jkun responsabbli minn aġenda tal-manutenzjoni tal-ajruplani"?

(12) Skont ir-Regolament (KE) Nru 2042/2003, li ma jirregolax il-kwistjoni dwar jekk, u f'liema kundizzjonijiet, il-persuni li kienu jeżerċitaw funzjonijiet ta' spettur sabiex jikkontrollaw l-adegwatezza għall-avjazzjoni tal-ajruplani qabel id-dħul fis-seħħ tiegħu, għandhomx dritt li jkomplu jeżerċitaw dawn il-funzjonijiet wara d-dħul fis-seħħ tal-imsemmi regolament, il-leġiżlatur nazzjonali kellu l-obbligu li jipprovdi li l-persuni li kienu jeżerċitaw funzjonijiet ta' spettur fid-data tad-dħul fis-seħħ tar-regolament iċċitat iktar 'il fuq (jew, fejn xieraq, qabel din id-data) kellhom awtomatikament jiġu ċċertifikati mill-ġdid bħala spetturi, mingħajr ma jiġu sottoposti preliminarjament għal proċedura ta' għażla jew ta' evalwazzjoni? Jew jeħtieġ li r-Regolament Nru 2042/2003, iċċitat iktar 'il fuq, li huwa intiż sabiex itejjeb is-sigurtà tat-trasport bl-ajru u mhux sabiex jikkonsolida d-drittijiet professjonali tal-persuni li jaħdmu fi ħdan l-awtorità tal-Istat Membru li hija kompetenti għall-ispezzjoni tal-adegwatezza għall-avjazzjoni tal-ajruplani, jiġi interpretat fis-sens li huwa sempliċement jagħti lill-Istati Membri l-fakultà, jekk huma jqisu li jkun neċessarju, li jkomplu jimpjegaw, bħala spetturi tal-adegwatezza għall-avjazzjoni tal-ajruplani, persuni li kienu jwettqu l-imsemmija spezzjonijiet qabel id-dħul fis-seħħ tar-regolament iċċitat iktar 'il fuq, anki jekk dawn il-persuni ma jkollhomx il-kwalifiki rikjesti mill-imsemmi regolament, fid-dawl ukoll ta' dak li huwa previst f'dan ir-rigward mid-dispożizzjoni AMC M.B. 902(b)(4) tal-Kapitolu A, tas-Sezzjoni B, tal-Anness I, tad-Deċiżjoni tal-AESA Nru 2003/19/RM tat-28 ta' Novembru 2003?

(13) Fil-każ li jiġi ammess li, skont ir-Regolament (KE) Nru 2042/2003, l-Istati Membri huma obbligati jiċċertifikaw mill-ġdid u b'mod awtomatiku, mingħajr proċedura ta' għażla, persuni li kienu jeżerċitaw il-funzjonijiet ta' spettur qabel id-dħul fis-seħħ tal-imsemmi regolament, għandha tiġi kkunsidrata konformi mar-regolament, dispożizzjoni tad-dritt nazzjonali, bħal dik eżaminata f'dan il-każ, li tipprovdi li sabiex jiġu ċċertifikati mill-ġdid bħala spetturi, dawn il-persuni kellhom ikunu eżerċitaw effettivament il-funzjonijiet ta' spettur, mhux fid-data tad-dħul fis-seħħ tar-regolament iċċitat iktar 'il fuq, iżda wara d-dħul fis-seħħ tal-imsemmija dispożizzjoni nazzjonali?

## Rikors ippreżentat fid-9 ta' Ġunju 2011 — Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Repubblika Ellenika

## (Kawża C-293/11)

(2011/C 232/33)

*Lingwa tal-kawża: il-Grieg*

### Partijiet

*Rikorrenti:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: D. Triantafyllou u C. Soulay)

*Konvenuta:* Ir-Repubblika Ellenika

### Talbiet tar-rikorrenti

— tiddikjara li, billi applikat l-iskema speċjali f'dak li jikkonċerna VAT tal-aġenziji tal-ivvjaġġar fil-każijiet fejn is-servizzi ta' vvjaġġar kienu nbigħu lil persuna li ma kinitx vjaġġatur, ir-Repubblika Ellenika naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikoli 306 sa 310 tad-Direttiva 2006/112/KE [1].

— tikkundanna lir-Repubblika Ellenika għall-ispejjeż.

### Motivi u argumenti prinċipali

L-iskema tal-aġenziji tal-ivvjaġġar tapplika biss għas-servizzi pprovduti direttament lill-vjaġġaturi, skont kif inhu pprovdut fid-Direttiva fil-parti l-kbira tal-lingwi. Anki l-verżjoni Ingliża, li tuża, f'punt wieħed biss, il-kelma "akkwirent" (customer), ma tkunx tagħmel sens li kieku ma kellhiex tapplika għall-vjaġġaturi biss. Wieħed jista' jasal għall-istess konklużjoni jekk jaqra' d-dispożizzjonijiet kollha konnessi (interpretazzjoni sistematika). Wieħed jasal għall-istess riżultat permezz tal-kriterju storiku, ġaladarba d-Direttiva tal-VAT ikkodifikat biss is-"Sitt Direttiva, mingħajr ma biddlet l-għan tagħha". Fir-rigward tal-interpretazzjoni teleoloġika, din tikkonstata li ma hijiex permessa t-tassazzjoni doppja tal-aġenziji ta' Stati Membri partikolari (ħlief fl-ipoteżi ta' applikazzjoni estensiva tal-iskema tal-aġenziji tal-ivvjaġġar). Ma tistax issir rettifika għal dan il-limitu impost mid-Direttiva min-naħa tal-Istati Membri mingħajr emenda uffiċjali tat-test tagħha.

[1] ĠU L 347, 11.12.2006.

## Rikors ippreżentat fl-10 ta' Ġunju 2011 — Ir-Repubblika Taljana vs Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

## (Kawża C-295/11)

(2011/C 232/34)

*Lingwa tal-kawża: it-Taljan*

### Partijiet

*Rikorrenti:* Ir-Repubblika Taljana (rappreżentanti: G. Palmieri, aġent, u S. Fiorentino, Avvocato dello Stato)

*Konvenut:* Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

**Talbiet tar-rikorrenti**

— tannulla d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/167/UE, tal-10 ta' Marzu 2011, li tawtorizza l-kooperazzjoni msaħħa fil-qasam tal-ħolqien ta' protezzjoni tal-privattiva unitarja ([1])

— tikkundanna lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-Repubblika Taljana tinvoka erba' motivi.

Fl-ewwel lok, hija ssostni li l-proċedura ta' kooperazzjoni msaħħa ġiet awtorizzata, mill-Kunsill, barra mil-limiti previsti fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 20(1) TUE, li jipprovdi li tali proċedura hija awtorizzata biss fil-kuntest tal-kompetenzi mhux esklużivi tal-UE. L-Unjoni għandha kompetenza esklużiva li toħloq "regoli Ewropej" li għandhom l-Artikolu 118 TFUE bħala l-bażi legali tagħhom.

Fit-tieni lok, din issostni li l-awtorizzazzjoni għal kooperazzjoni msaħħa fil-każ preżenti hija kuntrarja għal, jew, fi kwalunkwe każ, ma hijiex konformi mal-għanijiet li fir-rigward tagħhom din l-istituzzjoni hija stabbilita mit-Trattati. Sa fejn din l-awtorizzazzjoni tmur kontra, jekk mhux il-kliem, l-ispirtu tal-Artikolu 118 TFUE, din tisker l-Artikolu 326(1) TFUE, peress li dan tal-aħħar jeħtieġ li kooperazzjonijiet imsaħħa għandhom jikkonformaw mat-Trattati u mad-dritt tal-UE.

Fit-tielet lok, ir-Repubblika Taljana ssostni li d-deċiżjoni ta' awtorizzazzjoni ġiet adottata mingħajr investigazzjoni adegwata fir-rigward tar-rekwiżit tal-hekk imsejjaħ *last resort* u mingħajr motivazzjoni xierqa fuq dan il-punt.

Fl-aħħar lok, id-deċiżjoni tal-awtorizzazzjoni tikser l-Artikolu 326 TFUE sa fejn taffettwa b'mod ħażin is-suq intern, billi tintroduċi ostakolu għal kummerċ bejn l-Istati Membri u diskriminazzjoni bejn il-kumpanniji, u toħloq distorsjoni tal-kompetizzjoni. Barra minn hekk, hija ma tgħinx sabiex issaħħaħ il-proċess ta' integrazzjoni tal-Unjoni, u għalhekk tmur kontra t-tieni paragrafu tal-Artikolu 20(1) TUE.

([1]) ĠU L 76, p. 53

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Administrativen sad — Varna (il-Bulgarija) fl-14 ta' Ġunju 2011 — "Dobrudzhanska petrolna kompania" AD vs Direktor na Direktsia "Obzhalvane i upravlenie na izpalnenieto" — Varna pri Tsentralno upravlenie na Natsionalnata agentsia za prihodite (Direttur tad-Direttorat "Appelli u l-amministrazzjoni tal-eżekuzzjoni" fl-Amministrazzjoni Ċentrali tal-Aġenzija Nazzjonali tad-Dħul tal-Istat)**

**(Kawża C-298/11)**

(2011/C 232/35)

*Lingwa tal-kawża: il-Bulgaru*

**Qorti tar-rinviju**

Administrativen sad — Varna (il-Bulgarija)

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* "Dobrudzhanska petrolna kompania" AD

*Konvenut:* Direktor na Direktsia "Obzhalvane i upravlenie na izpalnenieto" — Varna pri Tsentralno upravlenie na Natsionalnata agentsia za prihodite (Direttur tad-Direttorat "Appelli u l-amministrazzjoni tal-eżekuzzjoni" fl-Amministrazzjoni Ċentrali tal-Aġenzija Nazzjonali tad-Dħul tal-Istat)

**Domandi preliminari**

(1) L-Artikolu 80(1)(a) u (b) tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE ([1]), tat-28 ta' Novembru 2006, dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud, għandu jiġi interpretat fis-sens li, meta ssir provvista bejn persuni konnessi u l-korrispettiv ikun iktar baxx mill-valur tas-suq miftuħ, l-ammont taxxabbli huwa l-valur tas-suq miftuħ tat-tranżazzjoni biss meta l-fornitur jew id-destinatarju ma jkollux dritt sħiħ għal tnaqqis tat-taxxa tal-input fuq il-valur miżjud fuq ix-xiri u/jew il-produzzjoni tal-merkanzija pprovduta?

(2) L-Artikolu 80(1)(a) u (b) tad-Direttiva 2006/112 għandu jiġi interpretat fis-sens li, meta l-fornitur ikun eżerċita d-dritt sħiħ li jnaqqas it-taxxa tal-input fuq il-valur miżjud fuq merkanzija u servizzi li jiġu pprovduti sussegwentement bejn persuni konnessi b'valur li jkun iktar baxx mill-valur tas-suq miftuħ, u dan id-dritt li titnaqqas it-taxxa tal-input fuq il-valur miżjud ma jkunx ġie kkoreġut taħt l-Artikoli 173 sa 177 tad-direttiva u l-provvista ma tistax tiġi eżentata mit-taxxa taħt l-Artikoli 132, 135, 136, 371, 375, 376, 377, 378(2), 379(2) jew 380 sa 390 tad-direttiva, l-Istat Membru ma jistax jadotta miżuri li jipprovdu li l-ammont taxxabbli huwa biss il-valur tas-suq miftuħ?

(3) L-Artikolu 80(1)(a) u (b) tad-Direttiva 2006/112 għandu jiġi interpretat fis-sens li, meta d-destinatarju jkun eżerċita d-dritt sħiħ li jnaqqas it-taxxa tal-input fuq il-valur miżjud fuq merkanzija u servizzi li jiġu pprovduti sussegwentement bejn persuni konnessi b'valur li jkun iktar baxx mill-valur tas-suq miftuħ, u dan id-dritt li titnaqqas it-taxxa tal-input fuq il-valur miżjud ma jkunx ġie kkoreġut taħt l-Artikoli 173 sa 177 tad-direttiva, l-Istat Membru ma jistax jadotta miżuri li jipprovdu li l-ammont taxxabbli huwa biss il-valur tas-suq miftuħ?

(4) L-Artikolu 80(1)(a) u (b) tad-Direttiva 2006/112 jikkostitwixxi lista eżawrjenti tal-każijiet li fihom Stat Membru jista' jadotta miżuri li permezz tagħhom l-ammont taxxabbli fir-rigward tal-provvisti għandu jkun il-valur tas-suq miftuħ tat-tranżazzjoni?

(5) Dispożizzjoni tad-dritt nazzjonali bħall-Artikolu 27(3)(1) taż-ZDDS hija ammissibbli f'sitwazzjonijiet oħra apparti dawk elenkati fl-Artikolu 80(1)(a), (b) u (ċ) tad-Direttiva 2006/112?